KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-Tmienja u Erbgħin Laqgħa (48) msejħa b'urġenza tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru, 2011 fis-2.30 ta' wara nofsinhar.

Il-Laqgħa bdiet fis 2.30 ta' filgħaxija

Il-Kunsilliera kienu preżenti għal-Laqgħa kif gej:

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 2.30p.m. | 3.00p.m. |
| Il-Viċi-Sindku John Bray | 2.30p.m. | 3.00p.m. |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | Skużat (Imsiefer) | |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | Skużat | |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | 2.30p.m. | 3.00p.m. |
| Il-Kunsillier Jason Camiller | Skużat | |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | Skużat | |
| Il-Kunsillier Peter Abela | 2.30p.m. | 3.00p.m. |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | 2.30p.m. | 3.00p.m. |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | Skużat | |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 2.30p.m. | 3.00p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1. Attivitajiet relatati mal-Festi tal-Milied 2011**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Sindku, l-Perit Graziella Galea spjegat li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien ġie deċiż li, wara s-sejħa għall-kwotazjonijiet, is-Soċjeta Mużikali San Pawl tintalab tagħti żewġ servizzi ta' marċi brijjużi għal żmien il-festi tal-Milied fit-toroq tal-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar flimkien mas-servizz ta' banda li


Sindku / *Mayor* : Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary* : John J. Camilleri

takkompanja l-purċissjoni bil-Bambin tal-M.U.S.E.U.M. Kien ġie deċiż ukoll li tliet servizzi oħra jingħataw lill-Big Friends Guggen Muzik. Dan skont kwotazzjonijiet li ssottomettew iż-żewġ entitajiet rispettivament.

Is-Sindku qalet li wara li s-Segretarju Eżekuttiv informa bil-miktub lil dawn it-tnejn bid-deċiżjoni tal-Kunsill, is-Soċjeta Mużikali San Pawl ma qabilx ma' din id-deċiżjoni tal-Kunsill u nsista li jagħmel is-servizzi kollha rikjesti mingħajr il-parteċipazjoni tal-Big Friends Guggen Muzik.

Is-Sindku qalet li hija flimkien mal-Kunsillier Mario Camilleri kellhom laqgħa mal-President is-Sur Paul Bugeja u rappreżentanti oħra tal-Każin Banda San Pawl iżda ma ntlaħaqx ftehim. Il-Każin tal-Banda San Pawl offra li jdoqq tlett servizzi b'banda sħiħa ta' mhux inqas minn ħamsin bandist u programm ta' tlett siegħat, bi spiża totali differenti minn dik tal-kwotazzjoni. Għaddew ukoll diversi korrispondenza bl-e-*mail* iżda xorta d-deċiżjoni tal-Kunsill ma ġietx aċċettata mis-Soċjeta Mużikali San Pawl.

Kien għalhekk li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ħassew li kellha tissejjaħ din il-Laqgħa tal-Kunsill b'urġenza sabiex il-Kunsill jiddiskuti dan il-każ.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li l-Kunsill kien diġa ħa deċiżjoni u din għandha tiġi esegwita.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li huwa ma jħossx li kien hemm għalfejn tissejjaħ din il-Laqgħa għaliex la darba l-Kunsill kien ħa deċiżjoni, din skont il-liġi ma tistax tinbidel u għahekk jekk is-Soċjeta Mużikali San Pawl ma ridux jagħtu s-servizz skont id-deċiżjoni tal-Kunsill, il-Kunsill għandu awtomatikament jitlob lill-offerent l-ieħor sabiex jagħmel dan is-servizz.

Saru interventi oħra mill-Kunsilliera l-oħra fejn dawn ilkoll urew li kienu tal-istess fehma u għalhekk ittieħdet deċiżjoni unanima li l-Kunsill jawtorizza lis-Sindku biex tinħareġ *Direct Order* ta' Euro 930.-- lis-Soċjeta Mużikali San Pawl Baħar għas-servizz ta' Banda waqt il-purċissjoni bil-Bambin, liema servizz ma kienx inkluż fis-sejħa għall-kwotazjonijiet, u tinħareġ *Purchase Order* lill-Big Friends Guggen Muzik sabiex jagħmlu s-servizzi kollha mitluba skont s-sejħa għall-kwotazjonijiet.

**2. <u>Egħluq tal-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa spiċċat fit-3.00p.m.

| | |
|---|---|
| ***Perit Graziella Galea*** | ***John J. Camilleri*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

14 ta' Diċembru 2011 | Ref: 55 / 0941 / 11 / OCZ